VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,873, 21 ta' Frar, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 74 tal-2012**

## ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

## Ordni tal-2012 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel dan l-ordni li ġej:-

**1.** It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2012 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà). *Titolu.*

**2.** Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar. *Proprjetà speċifikata.*

**3.** Il-proprjetà speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-5 t'Ottubru, 2011. *Jum stabbilit.*

**4.** Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri: *Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.*

(1) Biċċa art, magħrufa bħala Blokk 4 li tikkonsisti fi tnax-il appartament u ħamest iħwienet, li teskludi s-sottoswol fi Triq San Filippu, Triq Patri Indri Vella, Triq La Vallette, u Misraħ ir-Rebħa fil-Birgu u ta' madwar 508 metru kwadru. Il-blokk imiss mill-Grigal ma' Triq La Vallette, mill-Majjistral ma' Triq Patri Indri Vella u mil-Lbiċ ma' Triq San Filippu u jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 271 datat 17 ta' Marzu, 2010. L-art fejn jinsab Blokk 4 tinsab reġistrata mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern bħala Tenement E26196 u delineata bl-aħmar u markata bħala 'Blokk 4' fuq il-pjanta P.D. 2010_924_A (HAA 13/2011).

(2) Biċċa art, magħrufa bħala Blokk 5 li tikkonsisti f'ħames appartamenti u erbat iħwienet, li teskludi s-sottoswol fi Triq Santa Skolastika, Triq Hilda Tabone, Triq La Vallette

u Post is-Sagra Infermerija fil-Birgu u ta’ madwar 318 metru kwadru. Il-blokk imiss mill-Grigal ma’ Triq Santa Skolastika, mill-Majjistral ma’ Triq Post is-Sagra Infermerija u mil-Lbiċ ma’ Triq La Vallette u jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 271 datat 17 ta’ Marzu, 2010. L-art fejn jinsab Blokk 5 tinsab reġistrata mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern bħala Tenement E26197 u delineata bl-aħmar u markata bħala ‘Blokk 5’ fuq il-pjanta P.D. 2010_930_A (HAA 14/2011).

(3) Biċċa art, fil-Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta’ Xlejli, limiti tal-Gudja, li tikkonsisti f’ Plots 70 sa 77 u ta’ madwar 1,534 metru kwadru. Din l-art tmiss mit-Tramuntana ma’ proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar, mil-Lvant ma’ Triq il-Palazz, u min-Nofsinhar ma’ Triq l-Għelejjel, u tinsab fuq Proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President 408 datata 4 ta’ Mejju, 2011, b’Kuntratt Nru. 494 datat 7 ta’ Novembru, 1984 fl-atti tan-Nutar F. Portelli u b’Kuntratt Nru.129/2009 datat 12 ta’ Lulju, 2001 fl-atti tan-Nutar V. Miceli. L-art tinsab reġistrata bħala Tenement Nru. E26436 u delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 23_86_8. (HAM 159/81 Vol 2).

(4) Biċċa art li tikkonsisti f’żewġ blokks, fi Triq iż-Żewġ Mini, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Miġja tal-Papa u Triq San Giljan, fl-Isla markati bħala “Blokk 9” u “Blokk 10” u delineati bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2010_964_A, kif ġej:-

(a) Blokk 9 li jikkonsisti fi tmien appartamenti u maħżen wieħed, li teskludi s-sottoswol u reġistrat bħala Tenement E26236 mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern. Il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 572 datat 3 ta’ Ġunju, 2010. Blokk 9 jmiss mill-Grigal ma’ Triq il-Miġja tal-Papa, mil-Lbiċ ma’ Triq iż-Zewġ Mini u mix-Xlokk ma’ Triq San Giljan;

(b) Blokk 10 li jikkonsisti fi tmien appartamenti u maħżen wieħed, li teskludi s-sottoswol u reġistrat bħala Tenement E26237 mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern. Il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 572 datat 3 ta’ Ġunju, 2010. Blokk 10 jmiss mill-Grigal ma’ Triq il-Miġja tal-Papa, mil-Lbiċ ma’ Triq iż-Zewġ Mini u mill-Majjistral ma’ Triq il-Kunċizzjoni (HAA 11/2011, HAA 15/2011).

(5) Biċċa art, magħrufa bħala Plot 71, fi Triq l-Istefanotis, li tifforma parti mill-Qasam tal-Bini tal-Gvern ta' San Ġwann, Neighbourhood II, f'San Ġwann, ta' madwar 127.31 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral ma' Triq l-Istefanotis, mill-Grigal u mil-Lbiċ ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar. L-art hi soġġetta għal enfitewsi temporanju b'Kuntratt Nru. 170/69 datat 24 ta' Mejju, 1969 fl-atti tan-Nutar A. Grech. L-art tinsab fuq parti minn proprjetà tal-Gvern li kienet qabel reġistrata bħala Tenement Nru. 51328 u tinsab reġistrata fl-atti tad-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement Nru. 65518 u delineata bl-aħmar u markata "P. 71" fuq il-pjanta L.D. 128/80/19. (HAP 4/2011).

(6) Biċċa art, magħrufa bħala Plot 109 u Sit D fi Triq iċ-Ċikas, Bulebel iż-Żgħir, Żabbar H.O.S., Żabbar. Il-Plot 109 hu ta' madwar 124.09 metru kwadru u soġġett għal enfitewsi perpetwu b'Kuntratt Nru. 110 datat 13 ta' April, 1988 fl-atti tan-Nutar F. Pellegrini. Sit D hu ta' madwar 15.50 metru kwadru u soġġett għal enfitewsi perpetwu b'effett mill-1 ta' Frar, 1988 b'Kuntratt Nru. 62/88 datat 23 ta' Marzu, 1988 fl-atti tan-Nutar V. Miceli. Kemm il-plot u kemm is-sit imissu mill-Punent ma' Triq iċ-Ċikas, mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lvant ma' spazju miftuħ, jinsabu reġistrati fl-atti tad-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement 65924 u jinsabu delineati bl-aħmar u markati bħala 'Plot 109' u Sit 'D' rispettivament, fuq il-pjanta L.D. 37/81/39 u l-Plot kienet qabel tagħmel parti minn Tenement 50771 (HAP 3/2011).

(7) Biċċa art, magħrufa bħala Plot 34, fi Triq id-Daħla ta' San Tumas, li tifforma parti mill-Qasam tal-Bini tal-Gvern "Ta' Ganza" fiż-Żejtun, ta' madwar 124.92 metri kwadri, li tmiss min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar. L-art hi soġġetta għal enfitewsi perpetwu b'Kuntratt Nru. 222/80 datat 12 ta' Novembru, 1980 fl-atti tan-Nutar F. Pellegrini, li jidħol fis-seħħ mid-data tal-kuntratt. L-art tinsab fuq parti minn proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 229 datat 5 ta' Ġunju, 1971 fl-atti tan-Nutar A. Grech u tinsab reġistrata fl-atti tad-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement Nru. 40994 u delineata bl-aħmar u markata "P. 34" fuq il-pjanta L.D. 7/80/84 (HAP 2/2010).

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 74 of 2012**

## HOUSING AUTHORITY ACT
## (CAP. 261)

### Housing Authority (Transfer of Assets) Order, 2012

IN exercise of the powers conferred by article 12 of the Housing Authority Act, the President of Malta has made the following order:-

Citation.

**1.** The title of this order is the Housing Authority (Transfer of Assets) Order, 2012.

Specified property.

**2.** The property described in article 4 of this order is hereby specified for the purpose of article 12 of the Housing Authority Act.

Appointed day.

**3.** The property specified in article 2 of this order shall be transferred and vest in the Housing Authority as provided in the aforesaid article with effect from the 5th of October, 2011.

Description of specified property.

**4.** The property referred to in article 2 of this order is the following, that is to say:

(1) A plot of land known as Block 4 consisting of twelve apartments and five shops, excluding the subsoil at Triq San Filippu, Triq Patri Indri Vella, Triq La Vallette, and Misraħ ir-Rebħa in Birgu and having an area of approximately 508 square metres. The block is bounded on the North-East by Triq La Vallette, on the North-West by Triq Patri Indri Vella and on the South-West by Triq San Filippu and falls on Government property acquired by President's Declaration No. 271 dated 17th March, 2010. The land where Block 4 is located is registered with the Government Property Division as Tenement E26196 and is indicated edged in red and marked as 'Block 4'on plan P.D. 2010_924_A (HAA 13/2011).

(2) A plot of land known as Block 5 consisting of 5 apartments and 4 shops, excluding the subsoil at Triq Santa Skolastika, Triq Hilda Tabone, Triq La Vallette and Post is-Sagra Infermerija in Birgu and having an area of approximately 318 square metres. The block is bounded on the North-East by Triq Santa Skolastika, on the North-West

by Triq Post is-Sagra Infermerija and on the South-West by Triq La Vallette and falls on Government property acquired by President's Declaration No. 271 dated 17th March, 2010. The land where Block 5 is located is registered with the Government Property Division as Tenement E26197 and is indicated edged in red and marked as 'Block 5' on plan P.D. 2010_930_A (HAA 14/2011).

(3) A plot of land consisting of Plots 70 to 77 in Ta' Xlejli Housing Estate, limits of Gudja and having an area of approximately 1,534 square metres. This land is bounded on the North by property transferred to the Housing Authority, on the East by Triq il-Palazz, and on the South by Triq l-Għelejjel and it falls on Government property acquired by President's Declaration 408 dated 4th May, 2011, by Deed No. 494 dated 7th November, 1984 in the acts of Notary F. Portelli and by Deed No.129/2009 dated 12th July, 2001 in the acts of Notary V. Miceli. The land is registered as Tenement E26436 and is indicated edged in red on plan P.D. 23_86_8 (HAM 159/81 Vol. 2).

(4) A plot of land consisting of two blocks, at Triq iż-Zewġ Mini, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Miġja tal-Papa and Triq San Giljan, in Isla indicated as "Block 9" and "Block 10" edged in red on plan P.D. 2010_964_A, as follows:-

(a) Block 9 consisting of eight apartments and one store, excluding the subsoil and is registered with the Government Property Division as Tenement E26236. The block falls on Government property acquired by President's Declaration No. 572 dated 3rd June, 2010. Block 9 is bounded on the North-East by Triq il-Miġja tal-Papa, on the South-West by Triq iż-Zewġ Mini and on the South-East by Triq San Giljan;

(b) Block 10 consisting of eight apartments and one store, excluding the subsoil and is registered with the Government Property Division as Tenement E26237. The block falls on Government property acquired by President's Declaration No. 572 dated 3rd June, 2010. Block 10 is bounded on the North-East by Triq il-Miġja tal-Papa, on the South-West by Triq iż-Zewġ Mini and on the North-West by Triq il-Kunċizzjoni (HAA 11/2011, HAA 15/2011).

VERŻJONI ELETTRONIKA



(5) A plot of land known as Plot 71, at Triq l-Istefanotis, forming part of the San Ġwann Government Housing Estate, Neighbourhood II, in San Ġwann, having an area of approximately 127.31 square metres, bounded on the North-West by Triq l-Istefanotis, on the North-East and on the South-West by property transferred to the Housing Authority. The plot is subject to a temporary emphyteusis as per Deed No. 170/69 dated 24th May, 1969 in the acts of Notary A. Grech. The plot falls on part of Government property formerly registered as Tenement No. 51328 and is registered in the Estate Management Department records as Tenement No. 65518 and edged in red and marked "P. 71" on plan L.D. 128/80/19. (HAP 4/2011).

(6) A plot of land known as Plot 109 and Site D in Triq iċ-Ċikas, Bulebel iż-Żgħir, Żabbar Home Ownership Scheme, in Żabbar. Plot 109 has an area of approximately 124.09 square metres and is subject to a perpetual emphyteusis as per Deed No. 110 dated 13th April, 1988 in the acts of Notary F. Pellegrini. Site D has an area of approximately 15.50 square metres and is subject to a perpetual emphyteusis with effect from the 1st of February, 1988 as per Deed No. 62/88 dated 23rd of March, 1988 in the acts of Notary V. Miceli. The said Plot and Site are bounded on the West by Triq iċ-Ċikas, on the North by Government property and on the East by open space, are registered in the Estate Management Department records as Tenement 65924 and shown edged red and marked 'Plot 109' and Site 'D' respectively, on plan L.D. 37/81/39 and the Plot formerly formed part of Tenement 50771 (HAP 3/2011).

(7) A plot of land known as Plot 34, at Triq id-Daħla ta' San Tumas, forming part of the "Ta' Ganza" Government Housing Estate, in Zejtun, having an area of approximately 124.92 square metres, bounded on the South by Government property, on the East and on the West by property transferred to the Housing Authority. The plot is subject to a perpetual emphyteusis as per Deed No. 222/80 dated 12th November, 1980 in the acts of Notary F. Pellegrini commencing on the date of the deed. The plot falls on part of Government property acquired by Deed No. 229 dated 5th June, 1971 in the records of Notary A. Grech and is registered in the Estate Management Department records as Tenement No. 40994 and edged in red and marked "P. 34" on plan L.D. 7/80/84 (HAP 2/2010).

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

**Prezz/*Price***
**€0.36**